MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2009

Numru. 900/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Duncan Buttigieg**

Kumpilazzjoni Nru: 900/2007

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi **Duncan Buttigeig** ta' 24 sena, bin Mary nee' Buttigieg, imwieled il-Pieta', fit-3 ta' Mejju, 1983 u li joqghod fil-fond 25, Triq Guzeppi Naudi, Hal Ghaxaq u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 244783(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, u cioe' fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' April, 2007 u t-31 ta' Mejju, 2007, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda' b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra saibex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Maltapost plc.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu min cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra iffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliu iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbigi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu jew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, ili dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

U aktar talli fl-istess, perjodu, lok u cirkostanzi, xjenetement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjenetment laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun biex tbieghhom jew tmexxihom u cioe' cekkijiet misruqa;

U aktar talli b'hekk kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie illiberat taht kundizzjoni li ma tikkomettix reat iehor fi zmien tliet snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-14 ta' Dicembru, 2005;

U aktar talli b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 7 ta' Frar, 2007.

Il-Qorti, giet mitluba saibex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollho x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 167, 169, 183, 184, 308, 309, 310(1)(a) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum 23 ta' Settembru 2009 meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ammetta dawn l-imputazzjonijiet anke wara lil-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u c-cirkostanzi personali ta'l-imputat. Jidher car li l-imputat ghandu problemi u ghandu bzonn ta' kura; jidher car ukoll li l-imputat ghandu bzonn li xi hadd isegwih mill-vicin biex jigi assigurat li huwa jaghmel dak kollu li jehtieg biex jirrisolvi l-problemi li ghandu u verament jirriabilita ruhu.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija disposta taghti lill-imputat l-ahhar opportunita biex huwa jiehu l-kura li ghandu bzonn u effettivament jirriabilita ruhu minghajr ma jiskonta piena karcerarja. Fil-fehma tal-Qorti dan jista jsir billi l-imputat jerga jitpogga taht ordni ta' probation pero din id-darba jinhareg ukoll ghal ordni ta' trattament.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 167, 169, 183, 184, 308, 309, 310(1)(a) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 ta'l-imsemmi Kap 446 tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' tlett snin taht il-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li joqghod ghall-kura li tigi indikata lilu, u li jhallas is-somma ta' €17820.17 (ekwivalenti ghal Lm7650.20) lis-socjeta Maltapost plc fiz-zmien sentejn.

In oltre l-Qorti qed testendi l-perjodu ta' *probation* mghoti fil-konfront ta' l-imputat permezz ta' sentenza mghotija minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Mag Dr Lawrence Quintano f'l-14 ta' Dicembru 2005 ghal pejodu ta' tlett snin ohra mill-llum.

In konkluzzjoni l-Qorti qed tordna lill-imputat biex fi zmien sena mid-data tal-prezentata tar-rapport huwa jhallas l-ispejjez relatati man-nomina ta' Dr David Cassar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u/jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika lid-Direttur ta'l-Ufficcju tal-Probation biex jigi assenjat ufficjal lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------